



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Frar 2013 (01.03)
(OR. en)**

6968/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0061 (NLE)**

**EEE 11
AGRI 134**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	27 ta' Frar 2013
Nru dok. Cion:	COM(2013) 101 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2013) 101 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2013
COM(2013) 101 final

2013/0061 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġi żgurat ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali u l-omoġenità tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċizzjoni tal-Kunsill proposta) għandu l-għan li jemenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE sabiex tinkorpora r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2012 tal-31 ta' Awwissu 2012 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom.

Ir-Regolament (KE) Nru 1213/2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għar-residwi tal-pestiċidi 2009-2011 huwa integrat fil-Ftehim taż-ŻEE b'ċerti adattamenti għall-Istati tal-EFTA li jagħmlu parti miż-ŻEE.

Dawn l-adattamenti għandhom jiġu trasferiti għar-Regolament (UE) Nru 788/2012.

L-adattamenti jikkonċernaw in-numru ta' pestiċidi li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Islanda u l-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati mill-Islanda u min-Norveġja. Huma jagħtu kas, b' mod partikolari, il-kapaċità limitata tal-laboratorji biex tkun tista' ssir analiżi tar-residwi tal-pestiċidi fl-Islanda.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li huwa l-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni dwar tali Deċizzjonijiet, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2) u 168(4)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim taż-ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim taż-ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li, fost l-oħrajn, jemenda l-Anness II tiegħu.
- (3) L-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi dwar regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2012 tal-31 ta' Awwissu 2012 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom³ għandu jiġi integrat fil-Ftehim taż-ŻEE.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

³ ĠU L 235, 1.9.2012, p. 8.

- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom ġie integrat fil-Ftehim taż-ŻEE b'ċerti adattamenti għall-Istati tal-EFTA li jagħmlu parti miż-ŻEE.
- (5) Dawk l-adattamenti għandhom jiġu trasferiti għar-Regolament (UE) Nru 788/2012. Dawn jikkonċernaw in-numru ta' pestiċidi li għandhom jiġu mmonitorjati mill-Islanda u l-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati mill-Islanda u min-Norveġja.
- (6) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

Anness

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, ittestjar u ċertifikazzjoni)
ta' Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2012 tal-31 ta' Awwissu 2012 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom⁴ għandu jiġi integrat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2012 li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1274/2011⁵ li huwa integrat fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandu jiġi rrevokat skont il-Ftehim taż-ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tolqot l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ ĠU L 235, 1.9.2012, p. 8.

⁵ ĠU L 325, 8.12.2011, p. 24.

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 68 (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1274/2011) jiġihassar.
2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 71 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2012):

‘72. **32012 R 0788:** Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 788/2012 tal-31 ta’ Awwissu 2012 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta’ kontroll għall-2013, l-2014 u l-2015 biex tiġi żgurata konformità mal-livelli massimi ta’ residwi ta’ pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jivvaluta l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 235, 1.9.2012, p. 8).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej jizzied fl-Artikolu 1:

“L-Iislanda tista’, għas-snin 2013, 2014, 2015, tkompli tiegħu kampjuni u tagħmel analiżi għall-istess 61 pestiċida mmonitorjati fil-prodotti tal-ikel fis-suq tagħha fl-2012.”

(b) Dan li ġej jizzied fil-punt 5 tal-Anness II:

“

IS	12 (*) 15 (**)
Nru	12 (*) 15 (**)

”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 788/2012 bil-lingwa Islandiża u b’dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ ma’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi , sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jkunu saru*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussell,.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]